IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI

Illum il-18 ta' Gunju, 2024

Rikors numru: BCT/09/2024

Membri:

Avukat Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.

Perit Robert Sersero BE&A(Hons), A&CE

Ing. Anthony Camilleri B.Mech.Eng (Hons), FVCM (Hons) L. (Mus.) V.C.M. (Hons.), A. (Mus.) L.S.M.

Claudio Calleja

vs

Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni

It-Tribunal,

Ra l-appell li sar permezz ta' *email* iffirmata minn Jonathan Camilleri a nom ta' Claudio Calleja fejn l-appellanti ikkontesta d-decizjoni tal-Awtorita` intimata datata 12 ta' Frar, 2024 li permezz taghha l-istess Awtorita` imponiet penali amministrattiva fl-ammont ta' hames mitt euro (€500) in vista ta' ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08 tramite xogholijiet fil-Hdud.

Ra r-risposta tal-Awtorita' appellata li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi preliminarjament l-esponenti Awtorita` qeghda tissolleva l-fatt li tali appell ma jikkonformax mad-detti tal-artikolu 44 tal-Kap. 623 stante li l-appell ma kienx*

akkumpanjat ma' kopja tad-decizjoni tal-Awtorita`, kwindi tali appell ghandu jigi dikjarat null.

2. *Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma' dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

3. *Illi, minghajr pregudizzju ghal dak sottomess preliminarjament, ma huwiex minnu l-fattispeci li tenna l-appellanti. Hekk kif ser ikun ikkonfermat mill-ufficjali tal-Awtorita` kien hemm attivita` lavorattiva bi ksur ta' dawn ir-regolament. In sostenn ta' dan qieghed jigi anness filmat, fejn jinstema ampjament l-hsejjes tal-attivita` lavorattiva, liema qieghed ikun anness u mmarkat Dok A.*

4. *Ghaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita` appellata qiegheda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex jichad l-appell odjern.*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' x-xhieda ta' Jonathan Camilleri waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju, 2024.

Ra l-verbali tas-seduta datata 22 ta' Mejju, 2024 fejn, fl-istess seduta l-Awtorita` intimata ddikjarat illi m'ghandhiex provi xi tressaq apparti r-recording li ssir referenza ghalih fir-risposta taghha li gie prezentat.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Ra wkoll l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-5 ta' Gunju, 2024.

Ra li waqt tali seduta rrizulta li ghalkemm il-penali *de quo* giet imhallsa mill-appellanti, dawn ghamlu dan taht protesta u esklussivament sabiex jottjenu l-*clearance* ghax-xogholijiet.

Ra li l-kawża tħalliet għas-senteza għal-llum.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal, esklussivament ai fini ta' kjarezza tenut kont tal-hlas tal-penali imwettaq fil-mori, jinnota li, l-art. 45 tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment is-segwenti:

> *Appell ma għandux jissospendi l-effetti tad-deċiżjoni appellata:*
> *B'dana illi l-appellant jista' jitlob is-sospensjoni tal-ordni, ruling jew deċiżjoni appellata sakemm jinqata' l-appell.*

Fin-nuqqas ta' talba da parti tal-appellanti ghas-sospensjoni tal-penali imposta, l-appellanti ma jistax validament jilmenta mill-fatt li l-Awtorita` ghaddiet sabiex tenforza l-istess billi tezigi l-hlas. Dan ma jfissirx pero` li, bil-hlas, l-effett tal-appell interpost jista' jigi b'xi mod affetwat jew sahansitra nullifikat. Fil-fatt, kif gie diversi drabi nutat min dan it-Tribunal, "*il-ħlas tal-penali ma jnaqqas xejn mid-dritt tal-appellant li jappella minn dik id-deċiżjoni b'dan li l-ħlas ikun sar bi protesta*" (ez. BCT/56/2023). Huwa car li f'dan il-kaz ukoll il-hlas sar taht protesta esklussivament sabiex tinhareg il-*clearance* mehtiega u mhux bhala xi forma ta' ammissjoni tal-addebitu u ghalhekk it-Tribunal ser jghaddi sabiex jiddeciedi l-istess.

Illi fir-rigward tal-eccezzjoni preliminari koncernanti l-validita` tal-appell interpost, dan it-Tribunal, ukoll kif diversament presjedut, diġa` esprima ruħu f'deċiżjonijiet preċedenti dwar dan in-nuqqas. Filwaqt li t-Tribunal jisħaq fuq l-importanza li kull element ta' artikolu 44 tal-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi rispettat, dan it-Tribunal ipoġġi s-sustanza 'l fuq kwalunkwe formalitajiet. It-Tribunal iqis ukoll li dan in-nuqqas ġie sanat bil-preżentata tal-avviż fl-atti u għaldaqstant ma jarax li dan għandu jwassal għan-nullita tar-rikors promotur.

Għaldaqstant qed jiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita' intimata.

Jifdal li jigi analizzat il-mertu tal-kaz.

Jirrizulta li l-Awtorita` qed timputa lill-appellanti li wettaq jew halla lil min wettaq xogholijiet nhar ta' Hadd u dana bi ksur tal-Legislazzjoni Sussidjarja 623.08. Ir-Regolamenti relevanti f'dan il-kaz huma s-segwenti:

IT-TIELET SKEDA

(Regolamenti 6 u 9)

Tnaqqis ta' Tniġġiż

1. Il-ħin permissibli sabiex isiru xogħlijiet li joħolqu ħsejjes li jistgħu jinstemgħu minn barra s-sit għandu jkun kif ġej:

(a) ix-xogħlijiet m'għandhomx jibdew qabel is-sebgħa ta' filgħodu (7:00 am) u għandhom jieqfu fit-tmienja ta' filgħaxija (8:00 pm);

(b) m'għandux ikun permissibli li jiġi wżat:

(i) skavatur mekkaniku b'martell idrawliku; jew

(ii) drill pnewmatiku, qabel is-sebgħa u nofs ta' filgħodu (7:30 am) u wara l-erbgħa ta' wara nofsinhar (4:00 pm) ***u l-ġurnata kollha fil-Ħdud*** *u l-festi publiċi*

(...)

(d) ***ebda xogħlijiet ta' kostruzzjoni m'għandhom isiru fil-Ħdud u l-festi pubbliċi***

(enfazi mizjuda)

Permezz tal-appell tieghu, l-appellanti jikkontendi li l-incident sehh fil-11 ta' Frar, 2024 meta "*qabbadt jigger biex nara d-dawl trangax ghax dak kien l-unika ghodda li kellu bid-dawl hdejja dak il-hin. (...) il-jigger uzajtu ghal ftit minuri.*" Huwa inkontestabbli li l-11 ta' Frar, 2024 waqa' nhar ta' Hadd.

It-Tribunal ra l-filmat prezentat mill-Awtorita` u minn hemmhekk jirrizulta car li l-ghodda utilizzata kienet tali li kienet qed tohloq hsejjes sostanzjali li jinstemghu barra mis-sit. Dawn il-hsejjes huma kompatibbli mal-uzu ta' drill jew skavatur lilhinn mill-uzu bhala sors ta' dawl (kif jipprova jaghti x'jifhem l-appellanti fl-appell tieghu). Ulterjorment it-Tribunal ma jistax jemmn ir-raguni moghtija mill-appellant ghall-uzu ta' tali ghodda – semplicement bhala sors ta' dawl – u dana ghaliex, lilhinn mir-*recording* prezentat mill-Awtorita`, huwa proprju l-istess Jonathan Camilleri, permezz tax-xhieda tieghu waqt is-seduta tat-22 ta' Mejju, 2024 li jgiddeb l-appell imressaq meta jistqarr

"Li ghamilt, ridt naghmel toqba biex l-ilma tax-xita – li kien previst li ha jidhol – kien previst kien zmien il-Karnival minghalija, kien previst ha taghmel xi gurnata xita. Ridt kull ma naqghmel li naghmel toqba kemm l-ilma tax-xita jmur gox-xaft. Dak kollox kien. Dak il-hin imbaghad telghu s-superjuri u qalulna, "Isma, intom mhux suppost tahdmu hawnhekk." Ghednilu, "Ahna qed inzarmaw." U kienu xil-

hdax u nofs, hekk." L-istess xhud ikompli jghid li ghalkemm "it-toqba konna ghand anqas ilhaqna ghamilnieha"

Fuq mistqosija tat-Tribunal, l-istess xhud wiegeb illi dan kollu dam ghaddej *"dawk l-ghoxrin minuti, 20 minutes kollox."* Huwa jkompli jikkonferma *"**il-hsejjes tal-jigger kienu hemm. Jien ma nichadx (…) il-posizzjoni kienet li kienet xoghol ta' emergenza (…) jiena nghid li hu, cara u tonda li jiena ma kontx naf li l-Hadd ma tistax tahdem.**"*

Illi, fil-fehma tat-Tribunal, tali xhieda tammonta ghal ammissjoni ta' l-imputazzjoni sollevata fil-konfront tal-istess appellanti u li abbazi taghha giet imposta il-penali amministrativa. L-appellant stess jammetti li wettaq xoghol bi hsejjes nhar ta' Hadd ghall-habta tal-hdax u nofs in vista ta' xoghol li huwa ried iwettaq. Il-fatt li l-persuna li inkariga lill-kuntrattur ma kienx jaf b'dak li l-ligi tipprovdi ma jistax jinfluwixxi fuq id-decizjoni tal-Awtorita` dana b'rispett tal-principju *ignoriantia juris non excusat* (mhuwiex skuzat min jilmenta li ma jafx bil-ligi).

Ix-xogholijiet ta' skavar li kien beda fuq is-sit meta gew l-ufficjali huwa wiehed li kjarament jaqa' entro d-definizzjoni ta' 'xoghol' kif definit fl-istess LS 623.08:

"xogħlijiet" tfisser ix-xogħlijiet permanenti u x-xogħlijiet temporanji, jew xi wieħed minnhom kif ikun xieraq, u tinkludi xogħlijiet tal-iskavar, tad-demolizzjoni, tal-kostruzzjoni, ix-xogħlijiet ta' servizzi tal-bini u x-xogħlijiet ta' finitura

Apparti li ma tressqet ebda prova tal-htiega ghal tali xoghol in vista ta' xi emergenza, ghal darb'ohra, anke hawnhekk, il-ligi stess tipprefigi procedura li ghandha tigi segwita f'kazijiet ta' emergenza li, f'dan il-kaz, ma jidhirx li giet segwita.

Ghaldaqstant, tenut kont tal-filmat prodott u wkoll tax-xhieda moghtija minn Jonathan Camilleri, it-Tribunal ser jilqa' it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet sollevati mill-Awtorita` u kwindi jichad l-appell interpost minn Claudio Calleja.

Decide

Għaldaqstant it-Tribunal, in vista tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, qiegħed jichad l-eccezzjoni preliminari imressqa mill-Awtorita, jilqa' l-eccezzjonijiet rimanenti u kwindi jichad l-appell ta' Claudio Calleja u jikkonferma d-decizjoni appellata datata 12 ta' Frar, 2024.

Dr Philip M. Magri	**Perit Robert Sersero**	**Ing. Anthony Camilleri**
Chairperson	Membru	Membru